# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Mejju 2022**

**Rik. Gur. Nru. : 178/2019 JPG**
**Kawza Numru : 19**

**CM**
**Vs**
**Dr Noel Bartolo u PL Gillian Muscat mahtura bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-interess tal-assenti MM ai termini tad-Digriet data 24 ta' Mejju 2019.**
**U**
**B'digriet tal-4 ta' Awwissu 2021, gie mahtur Dr Martin Fenech sabiex jissostitwixxi lil Dr Noel Bartolo bhala Kuratur Deputat.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CM datat 19 ta' Lulju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti hija ammessa ghall-beneficcju tal-avukat tal-ghajnuna legali skont l-anness 'Dok A';*

2. *Illi hija zzewget lil MM fid-dsatax ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (19.02.2010) skont certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B';*

3. *Illi minn dan iz-zwieg twieled it-tifel minuri OM f'X skont estratt tac-certifikat tat-twelid tal-minuri hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C';*

4. *Illi l-intimat irrenda ruhu hati versu r-rikorrenti ta' abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi tant li anke gera wara r-rikorrenti b'mus;*

5. *Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabbilment tort unikament ta' l-intimat;*

6. *Illi r-rikorrenti wara li anke kienu bdew proceduri ta' separazzjoni, giet abbandunata minn l-intimat zewgha MM diversi snin ilu, meta huwa halla dawn il-Gzejjer u qatt ma rritorna lura, u r-rikorrenti ma ghandhiex hjiel ta' fejn dan qieghed jirrisjedi u lanqas m'ghandha kuntatt mieghu. L-ahhar li semghet b'ahbaru kien f'xi Gunju ta' madwar tlieta jew erbgha snin ilu meta cempel lil ommha bi private number u qalilha li qieghed il-Libya pero' ma tax hjiel ta' fejn ezatt;*

7. *Ir-rikorrenti lanqas hi certa biss jekk il-kunjom li taf bih hi hux vera kunjomu stante illi meta darba marret ticcekja dwar xi problema ta' viza tieghu rrizulta kunjom mitkub differenti minn dokumenti ohra li jista' jkun huma foloz u cioe' 'el marassh';*

8. *Illi sforz l-istess abbandun, il-hajja matrimonjali ma zewgha giet reza impossibbli;*

9. *Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni ma zewgha;*

10. *Illi l-minuri jirrisjedi mar-rikorrenti ommu u hija l-esponenti li dejjem hadet shieb il-bzonnijiet ta' binha wahedha u fil-fatt l-intimat qatt ma kkontribwixxa bl-ebda mod ghall-istess ibnu u lanqas ma wera x-xewqa li jkollu access mieghu u qatt ma pprova jaghmel xi tip ta' kuntatt;*

11. *Illi l-intimat qatt ma ghamel l-ebda kontribuzzjoni ghall-manteniment jew fir-rigward ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;*

12. *Illi r-rikorrenti ipprocediet bil-procedura ta' medjazzjoni, li giet maghluqa minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, kif jirrizulta minn 'Dok D' anness;*

13. *Illi ma hemm l-ebda assi formanti l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*

14. *Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lil intimat kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u ssussidjarjament minhabba abbandun da parti ta' l-intimat u ghall-finijiet tal-artikolu 51 tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat li minnha huwa kien hati tal-firda;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament mill-intimat;*

3. *Tordna l-qasma tal-kommunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess;*

4. *Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri OM esklussivament lir-Rikorrenti u tawtorizzaha taghmel dawk l-atti kollha fir-rigward tat-trobbija tat-tifel minuri minghajr il-firma jew il-kunsens tal-intimat missieru;*

6. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tapplika ghall-passaport relattiv tal-minuri minghajr il-kunsens jew firma tal-intimat;*

7. *Tawtoriza lir-rikorrenti sabiex issiefer barra minn Malta flimkien mal-minuri minghajr il-firma jew il-kunsens tal-intimat;*

8. *Tordna lil intimat ihallas manteniment ghal ibnu OM liema manteniment ghandu jinkludi wkoll edukazzjoni u sahha tal-minuri, kemm-il darba u jekk dan xi darba jinstab skont kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti;*

9. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreverti ghal kunjomha xebba, u cioe 'Scerri';*

10. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-separazzjoni tal-partijiet biex din tigi registrata fir-Registru Pubbliku;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuratur Deputat, Dr Noel Bartolo, datata 14 ta' Ottubru 2019, a fol 25 li taqra hekk:

1. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta' kommunikazzjoni mal-intimati.*

2. *Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet taghha datat 13 ta' Ottubru 2021, a fol 176 tal-process, li permezz tieghu, il-Qorti akkordat pendente lite il-kura u kustodja tal-minuri OM f'idejn l-attrici ommu, CM;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-25 ta' Frar 2022, li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza; (vide fol 184)

**Ikkonsidrat:**

**Mix-xhieda tal- Ispettur Joseph Busuttil, a fol 31 et seqq.,** jirrizulta illi l-Pulizija qatt ma kellhom informazzjoni fuq l-intimat MM izda jaf illi Spettur mal-Iskwadra Kontra d-Droga kellu xi nformazzjoni dwar l-intimat.

**L-Ispettur Eman Hayman, xehed a fol 34 et seqq.,** u nforma lill-Qorti illi l-intimat, minn stharrig li ghamlu l-Pulizija, ma ghadux jabita go '44 Welcome, flat 2, Triq l-Irmigg, Marsascala'. Ghamel di piu' kuntatt mall- Immigration Office Malta u lanqas ma jirrizulta ebda moviment jew informazzjoni dwar l-intimat.

**Stephen John Gatt, Assistent Kummissarju xehed (vide fol 69) nhar l-20 ta' Jannar 2021,** illi l-uniku informazzjoni li ghandu huwa illi l-intimat qieghed il-Libja u li kien mahrub minn Malta u dan jafu il-ghaliex il-Pulizija hargu ***Blue Notice tal- Interpol*** fl-2008. Di piu', hargu ***National Stop List Alert*** fil-konfront tal-intimat u ppresenta dok. SG1, a fol 55 u SG2 a fol 58.

**Spettur Lara Butters, xehdet (vide fol 62)** illi l-ahhar *records* li kellhom il-Pulzija kien illi l-intimat kien rega' wasal Malta fit-18 ta' Lulju 2007 izda ma ghandhomx *records* ta meta telaq minhabba li seta' hareg minn *Schengen Area.*

**L-attrici CM, xehdet (vide fol 66)** illi hija tirrisjedi go Ohio Court, Flat 5, Triq il-Miklem Malti, Marsascala. Illi dan ma huwiex l-ahhar indirizz ta' zewgha, u cioe Sabrina, Triq l-Ghakrux, Zabbar. L-attrici pprovdiet tlett indirizzi ulterjuri fejn jista jkun li l-intimat kien qed jirrisjedi. Sostniet illi l-intimat kien ilu li harab minn Malta zgur ghal aktar minn erba' snin.

A fol 77, l-attrici kompliet tixhed illi hija zzewget lill -intimat fit-18 ta' Frar 2010 u li fit-27 ta' Lulju 2011 kellhom tifel bl-isem ta' OM. Mitlub tghid x'wassal lill-attrici biex titlob is-separazzjoni, l-attrici xehdet li l-intimat kien beda jheddiha ta' sikwiet u sahansitra gera warajha b'mus. L-attrici xehdet illi meta t-tifel kellu tlett snin, ir-ragel taghha gheb u qatt ma kellha kuntatt iktar mieghu. Qatt ma baghtilha manteniment ghal binhom u kienet ilha ma tarah b'kollox ghal seba' snin. Sostniet illi meta l-intimat kien jghix maghha, kien dejjem jiggieled maghha ghal xejn b'xejn, qatt ma riedha tohrog tahdem, jheddiha kontinwament u dan minghajr ma ghaddielha flus sabiex tixtri l-affarijiet bzonnjuzi ghall-hajja. Spjegat illi hija tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u kkonfermat illi l-intimat qatt ma kellu *bank accounts* u lanqas karozzi. Xehdet ill-proprjeta immobbli flimkien qatt ma xtraw u lanqas ghamara il-ghaliex huma kienu jghixu ma'

omm l-attrici. Ikkonfermat illi llum qed tghix ghal rasha u ommha ghadha qed tghinnha finanzjarjament.

Mix-xhieda ta **Lorraine Attard**, rappresentant tal-HSBC irrizultaw il-bank accounts tal-attrici, vide dok LA1 u LA2, fol 102 sa 174.

**Louise Buhagiar**, rappresentant Jobs Plus, ikkonferma permezz ta dokument LB1, a fol 100 illi l-intimat ma kellu ebda impjieg f'Malta.

**Mix-xhieda ta' Joanna Bartolo** rappresentat BOV Bank u **Amanda Lepre** rappresentat Lombard Bank ikkonfermaw illi l-banek taghhom ma kellhom ebda akkonti f'isem il-kontendenti.

**Brian Farrugia**, rappresentant Transport Malta xehed illi l-attrici CM qatt ma kellha vetturi fuq isimha u lanqas ma ghandha fil-prezent.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija talba ghal sentenza ta' separazzjoni personali in segwitu tar-rikors guramentat intavolat mir-rikorrenti li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba abbandun.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentjen jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun ipperdura ghal sentejn jew izjed, u li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* ***Andrea Avellino vs. Regina Avellino***[1], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

[1] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

> ***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[2] fejn il-Qorti sostniet illi:

> ***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi mhux kontradetti tal-attrici, jirrizulta illi l-attrici zzewget lill-intimat MM fid-19 ta' Frar 2010, (vide dok B, fol 11 tal-process) u li minn dan iz-zwieg twieled it-tifel minuri OM f'X, vide dok C, a fol 12.

Jirrizulta illi l-partijiet ghexu fid-dar ta' omm l-attrici u li waqt iz-zwieg, l-attur kien jippretendi illi martu ma tahdimx, waqt li l-intimat ma kien jghaddi ebda ghajnuna finanzjarja sabiex l-attrici tkun tista tghajjex lilha nfissha u l-minuri.

L-attrici xehdet illi l-intimat kien gheb minn hajjithom u harab minn Malta meta t-tifel OM kellu biss tlett snin u minn dak inhar 'l hawn ma kkomunika qatt maghha u ma bghatilha ebda manteniment ghal binha.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi wara ezami akkurat tal-provi prodotti, il-Qorti tqis illi l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Din il-Qorti rat illi f'inqas minn erba snin fi zwieg, l-intimat mhux talli qatt ma pprovda ghall-martu u ibnu, izda abbanduna d-dar matrimonjali u lil familtu, meta l-minuri kellu madwar tlett snin u halla lill-familja tieghu fil-bzonn ghax ma ghamel ebda arrangement finanzjarju ghal ibnu.

Illi mill-atti processwali u l-provi prodotti, il-Qorti tqis li ma rrizultat l-ebda raguni valida li tiggustifika l-abbandun kommess mill-intimat liema abbandun ipperdura ferm aktar minn sentejn. Ghalhekk, wara li ezaminat il-provi kollha, il-Qorti tqis illi jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-intimat abbanduna id-dar matrimonjali minghajr raguni tajba u ghal terminu taz-zmien rikjest mil-ligi, u ghalhekk huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> ***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jigu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-ohra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodici, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa hati ta' abbandun u ghaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni ghajr li tapplika fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Il-Qorti rat illi l-attrici ghamlet talba ghas-separazzjoni personali u ghax-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Mill-provi prodotti mill-attrici jirrizulta illi ma inxtrat ebda proprjeta immobbli miz-zewg kontendenti fiz-zwieg, lanqas ma jirrizulta l-ezistenza ta' *joint bank accounts* jew vetturi f'isem iz-zewg partijiet. Lanqas ma jirrizulta illi l-partijiet xtraw xi ghamara ghad-dar stante illi fl-erba' snin li l-intimat dam Malta, il-kontendenti kienu jghixu fid-dar ta' omm l-attrici.

Ghaldaqstant, il-Qorti waqt illi tippronunzja x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, tqis illi li fil-kas odjern ma hemm ebda assi li ghandhom jigu divizi bejn il-kontendenti illi kien assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

***Kura u Kustodja tal-minuri OM***

L-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri iben il-partijiet OM li ghandu kwazi X-il sena u sabiex tigi awtorizzata tiehu kwalunkwe decisjonijiet relatati mal-istess minuri.

Il-Qorti rat illi permezz tad-digriet taghha datat 13 ta' Ottubru 2021, a fol 176 u 177 tal-process, akkordat pendente lite il-kura u kustodja tal-minuri OM f'idejn l-attrici ommu, CM;

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [3] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[4] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

[3] Enfazi tal-Qorti.
[4] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[5]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

> ***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[6] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[7]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[8] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

---

[5] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[6] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[7] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[9]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[10]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[11]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

[9] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[10] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[11] Enfazi tal-Qorti.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[12] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Il-Qorti rat illi mill-atti jidher li l-intimat ftit li xejn kien prezenti fil-hajja tal-minuri stante li gheb mill-hajja tieghu meta l-minuri kellu biss tlett snin. Di piu', ma ivversa ebda forma ta' manteniment minn twelidu. Illi llum il-gurnata l-minuri appena jaghlaq X – il sena u jirrizulta illi f'hajtu, ommu u n-nanniet materni kienu ta' sostenn u wens ghalih u dana stante illi l-inaffidabilita' tal-intimat.

Il-Qorti taghraf di piu', illi l-intimat lanqas indenja ruhu almenu jzomm kuntatt telefoniku ma ibnu tul dawn is-snin kollha.

Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm illi minn issa hija awtorizzata tiehu kwalunkwe decizjoni rigwardanti t-tifel OM, kemm decizjonijiet ordinarji u straordinarji rigwardanti s-sahha, l-edukazzjoni l-passaport u tigdid tieghu u s-safar tieghu u dana kollu fl-ahjar interess tal-minuri iben il-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

[12] Enfazi tal-Qorti.

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull***

> ***responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Il-kas in ezami jidher illi l-intimat abbanduna lil familja tieghu u jinsab mahrub minn Malta. Illi ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandha ebda taghrif dwar il-qliegh tal-intimat u l-ispejjes kurrenti tieghu. Ghalhekk, il-Qorti hija kostretta li takkorda manteniment minimu ghall-minuri iben il-paritjiet fl-ammont ta' mitejn euro (€200) kull xahar, liema ammont ghandu jithallas mill-intimat. Mal-manteniment minimu, din il-Qorti, di solito takkorda wkoll nofs l-ispejjes ta sahha u edukazzjoni tal-istess minuri. Fil-kas in ezami, dan ma jistghax isir siccome l-intimat huwa mahrub minn Malta.

Ghaldaqstant jehtieg illi l-Qorti tipprelikkwida l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri u dan qed isir fil-minimum tieghu, fl-ammont ta' hamsin euro (€50) kull xahar, biex b'hekk l-amont globali ta' manteniment dovut mill-intimat jkun ta' mitejn u hamsin euro (€250) kull xahar.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u:**

1. **Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat minhabba li z-zwieg tkisser minhabba abbandun da parti ta' l-intimat. Ghall-finijiet tal-artikolu 51 tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li abbandun tal-intimat minn mal-familja tieghu sehh meta l-minuri OM kellu biss tlett (3) snin u cioe f'Lulju 2014;**

2. **Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament mill-intimat;**

3. **Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti u i. tordna illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, huma assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati; ii. tordna illi kwalunkwe kont bankarju ezistenti huwa assenjat lil dik il-parti li f'isimha jkun intestat, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa filkaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra; iii. tordna illi kwalsiasi dejn li possibbilment seta' gie kontrattat minn parti jew ohra, ghandu jkun a karigu ta' dik il-parti li tkun ikontrattatu;**

4. **Tapplika kontra l-intimat interament, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. **Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri OM esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u tawtorizzaha taghmel dawk l-atti kollha fir-rigward tat-trobbija tat-tifel minuri minghajr il-firma, kunsens jew presenza tal-intimat missieru;**

6. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tapplika, testendi u tigbor il-passaport relattiv tal-minuri minghajr il-kunsens, firma jew presenza tal-intimat;**

7. **Tawtoriza lir-rikorrenti sabiex issiefer barra minn Malta flimkien mal-minuri minghajr il-firma, il-kunsens jew presenza tal-intimat;**

8. **Tordna lil intimat ihallas manteniment ghal ibnu OM is-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar, liema manteniment jinkludi wkoll sehemu mill-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri;**

**9. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreverti ghal kunjomha xebba, u cioe 'Scerri';**

**10. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex, fiz-zmien moghti mil-ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-separazzjoni tal-partijiet biex din tigi registrata fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar.**
**Deputat Registratur**